

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6742/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0038 (BUD)**

**FIN 322
SOC 109**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Kumitat tal-Baġit
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi: 11 ta' Frar 2026

Nru dok. Cion: 6274/26

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2025/007 BE/Casa)

• *Approvazzjoni*

1. Fil-11 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 04/2026¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont ta' EUR 1.92 miljun mill-FEG biex tiġi ssodisfata applikazzjoni mill-Belġju biex il-Fond jintuża biex jagħti assistenza għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 416-il benefiċjarju fil-mira wara s-sensji ta' ħaddiema f'Casa International b'65 stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut fil-Belġju, u f'Casa Logistics li hija responsabbli għall-ħżin u d-distribuzzjoni lil dawn l-istabbilimenti, f'konformità mal-kriterji ta' intervent stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691².

¹ Id-dokument 6294/26.

² Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Frar 2026 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jagħti parir lill-Kunsill japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 6743/26.
-